10 ta' Diċembru, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Anthony Cassar ne. *versus* Onor. Dr. Enrico Mizzi ne.

**Board ta' Konċiljazzjoni — Tribunal ta' l-Arbitraġġ — Xhieda — Interpretazzjoni — Art. 2, 6 u 9 ta' l-Att XXXVIII ta' l-1948 — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 152 ta' l-1949.**

*Is-setgħa mogħtija lill-Gvernatur fil-Kunsill bis-saħħa ta' l-Att ta' l-1948 dwar il-Konċiljazzjoni u l-Arbitraġġ, li jagħmel regolamenti biex jirregolaw l-għamla u l-proċedura li għandu jsegwi l-Board ta' Konċiljazzjoni, ma ġġibx is-setgħa li titbiddel il-linja ġenerali u n-natura tal-proċedura stabbilita espressament minn dak l-Att; u l-Gvernatur fil-Kunsill ma jistax, b'regolamenti, jagħti direttivi diversi minn dawk mogħtija fl-Att, u lanqas jista' jagħti setgħat akbar minn dawk li jagħti l-Att stess.*

*Skond dak l-Att il-funzjoni tal-Board tal-Konċiljazzjoni hija dik li jfittex li tinqata' bi ftehim kwistjoni ta' xogħol li tkun teżisti jew li jkun hemm biża' li tista' tinqala'; u dan billi jistħarreġ u jistabbilixxi l-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni, jew billi jistudja l-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni li jkunu ġà stabbiliti minn qabel. Dan ifisser illi l-Board tal-Konċiljazzjoni għandu jfittex li jasal biex iġib il-ftehim bil-persważjoni u l-kuntentizza tal-partijiet, u mhux billi jimponi d-deċiżjoni tiegħu fuq il-partijiet. Għall-impożizzjoni l-Att jipprovdi bit-Tribunal ta' l-Arbitraġġ.*

*Meta l-Board ta' Konċiljazzjoni jkollu jistħarreġ il-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni, għandu jagħmel din l-istħarriġa "billi jikkomunika mal-partijiet". Din il-frażi għandha tiġi interpretata fis-sens li dak il-Board ma jistax jisma' xhieda barranin għall-kwistjoni u jagħtihom il-ġurament. U għalhekk dak il-Board ma jistax joħroġ inġunzjoni lil persuni li ma għandhomx x'jaqsmu mal-kwistjoni li tkun quddiem il-Board ta' Konċiljazzjoni biex jidhru bħala xhieda quddiemu u jagħtu tagħrif bil-ġurament; u l-inġunzjoni hekk maħruġa minn dak il-Board hija nulla u bla effett.*

*Għax għalkemm ir-Regolamenti maħruġa bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 152 ta' l-1949 il-Gvernatur fil-Kunsill ta lil dak il-Board is-*

*setgħa li jsejjaħ xhieda barranin, ir-regolament li bih giet mogħtija dik is-setgħa ma jiswiex; għax huwa "ultra vires".*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li ppremetta illi in konnessjoni mal-kwistjoni tax-xogħol bejn il-General Workers' Union u d-Direzzjoni tas-Saint Joseph Flour Mill, pendenti quddiem il-Board tal-Konċiljazzjoni, dan il-Board inġunġa bħala xhud lil John Mifsud (dok. A), li mhux wieħed mill-partijiet għall-kwistjoni tax-xogħol fuq imsemmija; u illi din l-inġunzjoni għalbiex jixhed John Mifsud saret bis-saħħa tas-setgħa mogħtija lil dan il-Board bir-regolament nru. 6 tar-Regolamenti dwar il-Board tal-Konċiljazzjoni publikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 152 ta' l-1949, liema regolamenti ġew publikati mill-Gvernatur fil-Kunsill bis-setgħat lilu mogħtija mill-art. 9 ta' l-Att numru XXXVIII ta' l-1948; u illi skond l-art. 6 ta' l-Att numru XXXVIII ta' l-1948 il-Board tal-Konċiljazzjoni għandu jistħarreġ u jistabbilixxi l-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni tax-xogħol billi jikkommunika mal-partijiet; u illi r- egolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Board tal-Konċiljazzjoni, fuq imsemmi, jagħti s-setgħa lill-Board tal-Konċiljazzjoni li jista' jsejjaħ xhieda u jagħtihom il-ġurament, liema setgħa hi akbar minn dik mogħtija lil dan il-Board bl-art. 6 ta' l-Att XXXVIII ta' l-1948, peress li s-smiegħ tax-xhieda bil-ġurament mhix "kommunika mal-partijiet" skond l-art. 6 ta' l-Att fuq imsemmi; u illi skond il-liġi, regolamenti maħruġin bis saħħa ta' Att ta' l-Assemblea Leġislativa ma jistgħux jagħtu setgħat akbar minn dawk stabbiliti fl-Att stess; premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi dikjarat (1) li s-setgħat mogħtija lill-Board tal-Konċiljazzjoni bir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Board tal-Konċiljazzjoni publikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 152 ta' l-1949, li jsejjaħ xhieda u jagħtihom il-ġurament, hija akbar minn dik is-setgħa mogħtija lill-istess Board mill-art. 6 ta' l-Att XXXVIII ta' l-1948; (2) li din is-setgħa msemmija fl-ewwel domanda, mogħtija lill-Board tal-Konċiljazzjoni bl-imsemmi regolament 6, hija nulla u bla effett; u (3) li

l-inġunzjoni maħruġa kontra John Mifsud biex jixhed quddiem il-Board tal-Konċiljazzjoni hija nulla u bla effett;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier, bħala Prim Ministru, u ta' l-Onorevoli Dottor Giuseppe Maria Camilleri, bħala Ministru ta' l-Emigrazzjoni u tax-Xogħol, li biha jgħidu illi t-talbiet ta' l-attur nomine huma bla ebda fundament, għaliex l-art. 6 ta' l-Att numru XXXVIII ta' l-1948 ma għandux l-interpretazzjoni mogħtija minnu, kif spjegat aħjar bid-dikjarazzjoni annessa. Bla ħsara ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza tad-19 ta' Mejju 1951, tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha dik il-Qorti ċaħdet it-talbiet, bl-ispejjeż mingħajr taxxa; billi kkunsidrat;

Illi fil-kwistjoni tax-xogħol, jew "trade dispute", bejn il-General Workers' Union u d-Direzzjoni tas-St. Joseph Flour Mill quddiem il-Board ta' Konċiljazzjoni, dan il-Board, bl-inġunzjoni tat-28 ta' Novembru 1950 (dok. A), sejjaħ bħala xhud lil John Mifsud, li ma huwiex wieħed mill-partijiet f'dak id-"dispute". L-attur jippretendi li dik l-inġunzjoni maħruġa mill-Board hija nulla u bla effett, għaliex (1) is-setgħa mogħtija lil dak il-Board bir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Boards ta' Konċiljazzjoni, dik jiġifieri li jsejjaħ xhieda u jagħtihom il-ġurament, hija akbar mis-setgħa mogħtija lill-istess Board bl-art. 6 ta' l-Att nru. XXXVIII ta' l-1948, u (2) is-setgħa mogħtija bil-regolament 6 fuq imsemmi hija nulla u bla effett;

Illi l-konvenuti jopponu t-talba, u jissottomettu li l-istess regolament 6 huwa validu, u konsegwentement hija wkoll valida l-inġunzjoni li l-attur qiegħed jimpunja;

Illi fis-27 ta' Settembru 1948 ġie promulgat l-Att numru XXXVIII ta' dik is-sena, dwar il-Konċiljazzjoni u l-Arbitraġġ, u li jipprovdi sabiex ma jinqalgħux u, meta jinqalgħu, jinqatgħu bi ftehim, kwistjonijiet ta' xogħol. Kif jidher ċar mit-titolu tiegħu stess, dan l-Att jikkontempla mhux biss il-mod kif kwistjoni ta' xogħol għandha tiġi maqtugħa b'arbitraġġ, imma wkoll kif kwistjoni ta' l-istess xorta tista' tiġi rranġata bi ftehim. U għalhekk dana l-Att jagħti lill-ministru responsabbli diversi setgħat, fosthom dawk (1) li jinnomina Qorti ta' l-Inkjesta, (2) li jinnomina Board ta' Kon-

ċiljazzjoni, u (3) li jġib il-kwistjoni quddiem Tribunal ta' Arbitraġġ;

Fl-ewwel żewġ każi l-Ministru jaġixxi fuq dak li jkun jidhirlu hu, u l-kwistjoni tax-xogħol tinqata', jekk tinqata', bi ftehim volontarju; imma fit-tielet każ il-Ministru jaġixxi fuq talba tal-partijiet, u allura l-kwistjoni tinqata' bi ftehim furzat. Dan jidher ukoll mill-istess definizzjoni li dak l-Att jagħti ta' Qorti ta' Inkjesta, Board ta' Konċiljazzjoni u ta' Tribunal, rispettivament;

Illi skond l-art. 2 ta' l-Att fuq imsemmi, "Board ta' Konċiljazzjoni huwa magħmul minn persuna waħda jew iżjed, bl-iskop li dawn ifittxu li tinqata' bi ftehim kwistjoni ta' xogħol; u dan jagħmluh jew billi jkunu stħarrġu u stabbilew il-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistoni, jew studjaw il-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni stabbiliti qabel. L-art. 6 ta' l-istess Att jistabbilixxi l-proċedura li l-Board għandu jsegwi biex jasal għall-konċiljazzjoni bejn il-partijiet, liema proċedura hija jew li jikkomunika mal-partijiet, jew, skond il-każ, iqis il-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni kif stabbiliti qabel;

Bin-Notifikazzoni tal-Gvern nru. 152 tal-15 ta' Marzu 1949 ġew maħruġa mill-Gvernatur fil-Kunsill ir-Regolamenti li kellu jsegwi l-Board fil-proċedura tiegħu fil-Konċiljazzjoni fuq imsemmija; u dan in forza ta' l-art. 9 ta' l-istess Att; liema Regolamenti, skond l-art. 9 (2) ta' l-istess Att, għad li magħmulin mill-Gvernatur fil-Kunsill, għandhom ikollhom effett daqs li kieku ġew maħruġa b'liġi fl-istess Att, billi, kif previst minn dak l-artikolu, dawk ir-Regolamenti ġew debitament imqiegħda fuq il-mejda ta' l-Assemblea fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1949 (The Dabates of the Legislative Assembly, sitting no. 7. Wednesday, 16th. March 1949, page 307);

Illi minn dak li ntqal jiġi li l-Att fuq imsemmi jistabbilixxi x-xogħol li għandu jagħmel il-Board, il-proċedura li għandu jsegwi l-Board biex jagħmel dak ix-xogħol, u r-regolamenti li għandu jinqeda bihom biex ikun jista' jsegwi dik il-proċedura;

Illi l-attur jissottometti illi s-setgħa mogħtija lill-Board ta' Konċiljazzjoni bir-regolament 6 tar-Regolamenti fuq imsemmija, jiġifieri li jsejjaħ xhieda u jagħtihom il-ġurament,

hija akbar minn dik is-setgħa mogħtija lill-istess Board bl-art. 6 ta' l-istess Att, għaliex skond id-dispożizzjoni ta' dan l-aħħar artikolu l-Board ma għandux jagħmel ħag'oħra fix-xogħol tiegħu ħlief jikkommunika mal-partijiet; u s-smiegħ tax-xhieda bil-ġurament jeżo bita minn dik il-funzjoni, u r-Regolament mahruġa b's-saħħa ta' Att ma jistgħux jagħtu setgħat akbar minn dawk stabbiliti fl-Att stess;

Illi dwar din is-sottomissjoni jingħad illi x'għandu jagħmel il-Board tal-Konċiljazzjoni jgħidu mhux l-art. 6 ta' l-Att fuq imsemmi, kif jippretendi l-attur, imma l-art. 2 ta' l-istess Att. *L-art. 6 jistabbilixxi l-proċedura li għandu jsegwi* l-Board biex jaqdi x-xogħol tiegħu. Konsegwentement il-Board għandu, jew jistħarreġ u jistabbilixxi l-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni, jew jistudja l-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni stabbiliti qabel. U biex jagħmel dan ix-xogħol, speċjalment meta jkun hemm bżonn li jsir stħarriġ, il-Board jista' naturalment jeħtieġlu jisma' xi nies barranin li ma jkunux il-partijiet, u biex żgur jersqu 'l quddiem hija meħtieġa t-taħrika, u hemm bżonn ukoll il-ġurament, biex dak li jgħidu lill-Board *ikun il-verità. Mingħajr dawn il-mezzi* l-Board tal-Konċiljazzjoni ma kienx iservi għal xejn, u ma kienx ikun hemm bżonn li jiġi kostitwit;

Naturalment il-Board jista' jinqeda bla ma jisma' xhieda; u huwa għalhekk li l-art. 6 ta' l-Att, meta jiddisponi l-proċedura li għandu jsegwi l-Board biex jaqdi x-xogħol tiegħu, igħid li l-Board għandu jaqdi dak ix-xogħol, jiġifieri jistħarreġ u jistabbilixxi l-kawżi tal-kwistjoni ta' xogħol, jew billi jikkomunika mal-partijiet, jew "skond il-liġi" iqis il-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni kif stabbiliti qabel. Jiġifieri l-Board, fil-proċedura li għandu jsegwi, għandu żewġ alternativi; l-ewwel li jikkommunika mal-partijiet; u jekk b'din il-komunika ma jkunx jidhirlu li jista' jmexxi 'l quddiem, huwa jista' jinġunġi xhieda u jagħtihom il-ġurament;

Illi għalhekk, fil-ħsieb ta' dik il-Qorti, is-setgħat mogħtija lill-Board tal-Konċiljazzjoni bir-regolament 6 tar-Regolamenti fuq imsemmija ma hijiex akbar mis-setgħa mogħtija lill-istess Board bl-art. 2 ta' l-Att fuq imsemmi; u dan għaliex mingħajr dik is-setgħa l-Board ma jistax, almenu f'ċerti

każi, jaqdi x-xogħol tiegħu li jistħarreġ il-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni tax-xogħol;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni ta' l-attur, li biha dan appella quddiem din il-Qorti minn dik is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Mejju 1951, u talab ir-revoka tagħha u l-laqgħa tat-talbiet tiegħu; bl-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

*Omissis;*

Illi fuq il-fatti li taw lok għal din il-kawża ma jidherx li hemm kuntrast bejn il-partijiet, u l-kwistjoni hija sempliċement fuq punt ta' liġi;

L-Att ta' l-1948 dwar il-Konċiljazzjoni u l-Arbitraġġ jipprovdi għal Qorti ta' Inkjesta u għal Board ta' Konċiljazzjoni, u jistabbilixxi Tribunal ta' l-Arbitraġġ għal Malta. X'inhu Board tal-Konċiljazzjoni jgħidu l-art. 2 ta' dak l-Att, u x'għandu jagħmel dak il-Board igħidu l-art. 6 ta' l-istess Att. L-art. 9 ta' dak l-Att jagħti lill-Gvernatur fil-Kunsill is-setgħa li jagħmel regolamenti biex jirregola l-għamla u l-proċedura ta' dak il-Board. Bis-saħħa ta' din is-setgħa l-Gvernatur, b'Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 152 ta' l-1949, ħareġ ir-Regolamenti dwar il-Boards tal-Konċiljazzjoni, u fl-art. 6 (i) u (ii) tagħhom iddispona illi "l-Board tal-Konċiljazzjoni jkollu s-setgħa li jsejjaħ xhieda u jagħtihom il-ġurament, li jaħtar assessuri, u li jġegħel lil kull persuna li, skond ma jidhirlu l-Board, taf b'xi mod speċjali fuq is-suġġett ta' l-istħarriġa, li tagħti, bil-miktub jew b'xi mod ieħor, u li twettaq bil-ġurament, dawk id-dettalji dwar is-suġġett li l-Board jista' jkollu bżonn........... Meta jsejjaħ ix-xhieda, u sabiex jobbliga x-xhieda jidhru fil-Board, il-Board ta' Konċiljazzjoni jkollu s-setgħat bħala qorti ċivili kif hemm stabbilit fil-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15), iżda ebda każ ma jkollu setgħa li jordna d-detenzjoni ta' persuna. L-attur isostni li dan ir-regolament nru. 6 (i) (ii) huwa "ult a vires", u għalhekk ma setax isir mill-Gvernatur u ma jgħoddx;

Ikkunsidrat;

Illi s-setgħa li tirregola l-proċedura ma ġġibx is-setgħa li tbiddel il-linja ġenerali u n-natura tal-proċedura stabbiliti espressament ta' l-Att stess, għax il-leġislatura ma tatx lill-

Poter Eżekutiv is-setgħa li jemenda l-Att. Dik is-setgħa għandha għalhekk neċessarjament tiftihem fis-sens li tawtorizza r-regolament tal-proċedura fil-limiti tal-kwadru traċċjat fl-Att u skond l-ispirtu u l-iskop ta' dak l-Att; u għaldaqstant, sa fejn dak li jgħid l-Att, bir-Regolamenti l-Gvernatur jista' jirregola l-mod fid-dettalji kif il-konċiljazzjoni għandha ssir, mingħajr ma jintakka n-natura tal-proċedura espressament stabbilita fl-Att. Immela l-Gvernatur ma jistax jagħti b'regolamenti direttivi diversi minn dawk mogħtija fl-Att, u lanqas jista' jagħti b'Regolamenti setgħat akbar minn dawk li jagħti l-Att stess; għax kontra u lil hemm mill-Att ir-Regolamenti ma jistgħux imorru; inkelè b'sempliċi regolament tkun qiegħda tibiddel il-liġi prinċipali, u l-leġislatura ma ddelegatx dik is-setgħa lill-Gvernatur;

U tabilħaqq, l-artikolu 2 ta' l-Att, fejn hemm id-definizzjoni tal-Board tal-Konċiljazzjoni, jistabbilixxi l-funzjoni tal-Board, billi jgħid x'inhuwa l-iskop, i.e. sabiex ifittex li tinqata li ftehim kwistjoni ta' xogħol li tkun teżisti jew li hemm biża' li tista' tinqala, jew billi jkunu stħarrġu u stabbilew l-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni, jew jistudjaw il-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni stabbiliti qabel. Kif għandha tkun eżerċitata dik il-funzjoni dupliċi jgħidu l-art. 6 ta' l-Att. U tabilħaqq, l-art. 6 (i) jgħid:— "Board tal-Konċiljazzjoni għandu jistħarreġ u jistabbilixxi l-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni ta' xogħol billi jikkomunika mal-partijiet, jew, skond il-każ, għandu jqis il-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni kif stabbiliti qabel, u għandu jfittex li tinqata' l-kwistjoni bi ftehim.............." Immela l-art. 6 jikkontempla żewġ alternativi. Meta l-kawżi u ċ-ċirkustanzi jkunu ġew stabbiliti qabel, "as previously established" — u dana preċiżament fil-każ ta' meta ġà tkun saret Qorti ta' Inkjesta fuq il-kwistjoni — il-Board għandu jqis u jistudja l-kwistjoni fuq il-materjal li ġà jkollu lest quddiemu; u allura ma jistax ikun hemm lok ta' smiegħ ta' xhieda, għax li speċi ta' proċess ikun ġà ġie istruwit qabel. Meta mbagħad il-kawżi u ċ-ċirkustanzi ma jkunux ġà ġew stabbiliti qabel ma jkun okkupa ruħu l-Board mill-kwistjoni, allura l-Board għandu jistħarreġ u jistabbilixxi l-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-kwistjoni sempliċement billi jikkomunika mal-partijiet; u dana jfisser li jieħu l-in-

formazzjonijiet minn għand il-partijiet stess; u allura, f'dan il-każ, lanqas għandu jisma' xhieda barranin, għax il-materjal u d-dati ta' fatti għandu jiġborhom minn għand il-partijiet interessati "billi jikkommunika magħhom";

U tabilħaqq, "jikkomunika mal-partijiet" ma jfisserx li jisma' x-xhieda u jiġbor provi "aliunde" quddiemhom. U dan huwa naturali, għax il-funzjoni tal-Board ma hix ġudizzjarja, u lanqas li timponi d-deċiżjoni tiegħu fuq il-partijiet, iżda għandu biss iwassal il-partijiet fi ftehim bejniethom, jiġifieri bil-persważjoni u l-kuntentizza taż-żewġ partijiet; u dana tgħidu l-liġi stess;

Igħid a propożitu Mansfield Cooper, x'ħin jikkommenta fuq il-Conciliation Act 1896, li fuqu ġie modellat l-Att tagħna in kwistjoni:— "The function of the conciliation is confined to the effort to bring the parties together, in the hope that a common discussion will reveal a means of settlement acceptable to both parties........... The Act provides that a conciliator will enquire into the causes and circumstances of the difference between the parties by communication with them, and will attempt a settlement" (Outlines of Industrial Law, pp 323-324, Ed. 1947). Għaldaqstant lanqas ma hu fl-ispirtu u fl-iskop tal-liġi li l-Board imur jistħarreġ u jqis il-kwistjoni b'mod differenti minn dak li ġie stabbilit espressament fl-art. 6 ta' l-Att, billi jisma x-xhieda barranin, speċjalment kontra r-rieda tal-partijiet interessati; għax allura tispiċċa l-opra tal-persważjoni u tidħol l-impożizzjoni. Għall-impożizzjoni l-Att jipprovdi bit-Tribunal ta' l-Arbitraġġ;

Ikkunsidrat;

Illi kieku s-setgħa tal-Gvernatur fil-Kunsill, li jirregola l-proċedura tal-Board b'regolamenti, kellha timporta s-setgħa li jissejħu xhieda barranin ukoll, kien jiġi li b'regolament is-setgħat mogħtija mill-Att lill-Board jiġu jiżdiedu u jikbru b'mod li jmorru aktar 'il bogħod mil-liġi prinċipali u mogħtija lill-Board — dak li l-leġislatura ma tagħtix. U tabilħaqq, b'sempliċi regolament il-Board jiġi kiseb poteri fuq il-libertà taċ-ċittadini barranin għall-kwistjoni b'sanzjonijiet anki penali kontra tagħhom; għax la darba l-Board ikollu s-setgħat ta' qorti ċivili għax-xhieda, ikun jista' jikkostringihom anki b'mandat ta' akkumpanjament u jikkundannahom, salvo l-

ma jistax jordna d-detenzjoni. Iżda meta fuq din m'hemmx delegazzjoni espressa fil-liġi mil-leġislatura lill-Gvernatur fil-Kunsill, il-Gvernatur ma jistax jarroga għalih innifsu, b'interpretazzjoni estensiva tal-poter li jagħmel regolamenti fuq il-proċedura, setgħat riżervati lil-leġislatura;

Ikkunsidrat;

Illi huwa wkoll sintomatiku li l-Att stess fl-art. 14, jikkontempla s-smiegħ tax-xhieda bil-ġurament, iżda jagħti dik is-setgħa lit-Tribunal ta' l-Arbitraġġ biss. Li kieku l-leġislatura riedet testendi dak id-dritt lill-Board ukoll, kienet tgħidu espressament; u dan ma għamlitux. Is-silenzju tal-liġi fil-każ tal-Board juri li ma kien qatt intiż li l-Board ikollu dik is-setgħa; għax "ubi voluit dixit";

Ikkunsidrat;

Illi peress li l-kawża tirrigwarda kwistjoni diffiċli tal-liġi, hemm lok għall-applikazzjoni tat-tieleт inċiż ta' l-artikolu 221 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili fuq l-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-appell ta' l-attur nomine, u tirrevoka s-sentenza appellata fuq il-meritu, u tilqa' t-talbiet ta' l-attur nomine; iżda tikkonferma s-sentenza appellata fuq il-kap ta' l-ispejjeż, u tordna li anki l-ispejjeż ta' dina l-istanza jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet, barra mid-dritt tar-Reġistru taż-żewġ istanzi, li jibqa' għall-konvenut *nomine*.